DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/659

tal-15 ta' Mejju 2020

dwar l-istandard armonizzat għad-dokumentazzjoni teknika meħtieġa għall-valutazzjoni tal-materjali, il-komponenti u t-tagħmir elettriku u elettroniku mfassal b'appoġġ għad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-materjali, il-komponenti u t-tagħmir elettriku u elettroniku li fuqhom saru testijiet u kejl li juru l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, jew li ġew ivvalutati, skont l-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iridu jitqiesu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva koperta minn dawk l-istandards.

(2) Bl-ittra M/499 tal-21 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għal reviżjoni tal-istandards armonizzati eżistenti u, jekk meħtieġ, għal tħejjija ta' standards ġodda relatati mad-dokumentazzjoni teknika meħtieġa għall-valutazzjoni tal-materjali, il-komponenti u t-tagħmir elettriku u elettroniku għall-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/65/UE.

(3) Abbażi tat-talba M/499 tal-21 ta' Ottubru 2011, is-CENELEC irreveda l-istandard armonizzat eżistenti EN 50581:2012, li wassal għall-adozzjoni tal-istandard IEC 63000:2018 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għad-dokumentazzjoni teknika meħtieġa għall-valutazzjoni tal-materjali, il-komponenti u t-tagħmir elettriku u elettroniku fir-rigward tar-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluż. Dak l-istandard ġdid EN IEC 63000:2018 hu bbażat fuq l-istandard internazzjonali eżistenti IEC 63000:2016 li hu stess hu bbażat fuq l-istandard armonizzat EN 50581:2012.

(4) Il-Kummissjoni flimkien mas-CEN u s-CENELEC ivvalutaw jekk l-istandard EN IEC 63000:2018 abbozzat mis-CENELEC hux konformi mat-talba M/499 tal-21 ta' Ottubru 2011.

(5) L-istandard EN IEC 63000:2018 abbozzat mis-CENELEC jissodisfa r-rekwiżiti li għandu l-għan li jkopri u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2011/65/UE. Għalhekk jixraq li r-referenza ta' dak l-istandard tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) L-istandard EN IEC 63000:2018 jissostitwixxi l-istandard EN 50581:2012 u għalhekk jenħtieġ li r-referenza tal-istandard EN 50581:2012 minn tiġi rtirata *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Biex il-manifatturi jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-istandard il-ġdid, jenħtieġ tiġi rtirata r-referenza tal-istandard armonizzat EN 50581:2012.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluż fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

([3]) ĠU C 363, 23.11.2012, p. 6.

(7) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dak l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għaldaqstant, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza tal-istandard armonizzat għad-dokumentazzjoni teknika meħtieġa għall-valutazzjoni tal-materjali, il-komponenti u t-tagħmir elettriku u elettroniku mfassal b'appoġġ għad-Direttiva 2011/65/UE kif elenkat fl-Anness I hija b'dan ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Ir-referenza tal-istandard armonizzat għad-dokumentazzjoni teknika meħtieġa għall-valutazzjoni tal-materjali, il-komponenti u t-tagħmir elettriku u elettroniku abbozzat b'appoġġ għad-Direttiva 2011/65/UE kif elenkat fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, hija b'dan irtirata minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN IEC 63000:2018 Dokumentazzjoni teknika għall-valutazzjoni tal-prodotti elettriċi u elettroniċi fir-rigward tar-restrizzjoni tas-sustanzi perikolużi (IEC 63000:2016)

ANNESS II

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 50581:2012 Dokumentazzjoni teknika għall-valutazzjoni tal-prodotti elettriċi u elettroniċi fir-rigward tar-restrizzjoni tas-sustanzi perikolużi	tat-18 ta' Novembru 2021